# QTAR TA ĦSIEB

*Lilek... A .T.*

Min qatt kellu jgħidli
għażiża Marija
—qatt minni minsija!—
li għad jiġi 'l-jum
li jiena għad niġi
sabiex għal darb'oħra
il ġmielek fil-ħofra
jien nara mitmum.

Bħal-lum sena sewwa
kont tajtek tislima
imżewqa bil-qima
li tistħoqq il-qabar
u f'idek qegħidtlek
il-ktieb illi tajtni
met'inti kont rajtni
nitbekka bla sabar.

Ah! jiena darb'oħra
il-ktieb qiegħed nara
u lilek bil-ħrara
qed tagħfsu ma' qalbek
għalkemm int sirt għadam
ma nsejt qatt, Marija
il kelma mogħtija
ta' dak li tant ħabbek.

"Żomm dan" jien kont
għedtlek
"għaliex jum għad jiġi
li jiena hawn niġi
biex sabar insib
fil-ktieb li kont tajtni,
naqralek darb'oħra
hemm isfel fil-ħofra
Marija, mill-qrib."

Jien ġejt, m'hux ħaj aktar,
is-sema semagħni
li tlabt huwa tani:
Tal-ħajja 'l-ħelsien.
Jien ġejt, mejjet bħalek,
ja qalbi Marija
qatt minni minsija
biex ngħammru flimkien.

K. DEBONO